FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 29 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
ROBERT INCORVAJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Robert Incorvaja ta' 20 sena iben Joseph Anthony u Magdalene Pisani imwieled San iljan fl-1 ta' Lulju 1980 u joqghod 36, Triq tigne, Sliema ID373480(M), talli fis-7 ta' Gunju 1999 ghal habta tal-4am gewwa Sliema, ikkommetta serq ta' mutur tal-marka Typhoon li ghandu numru tar-registrazzjoni JAF 701 li jiswa anqas minn elf lira maltin, ghad-detriment ta' alan Camilleri, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u hin.

Talli fit-30 ta' Gunju 1999 u xhur qabel din id-data, gewwa tas-Sliema, laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggett misruq huwa mutur tal-marka Typhoon li ghandu numru tar-registrazzjoni JAF 701 li gej minn serq li jiswa aktar minn mitt lira maltin, ghad-detriment ta' Alan Camilleri minn tas-Sliema.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fis-7 ta' Gunju 1999 Alan Camilleri min Tas-Sliema kien irraporta illi il-mutur tieghu tal-marka Typhoon JAF 701 kien gie misruq min Tigne. Dan il-mutur jiswa Lm900.

Fit-30 ta' Gunju 1999 l-istess Alan Camilleri kien informa lill-pulizija li kien sab dan il-mutur fi Triq tigne Sliema mizbugh iswed bl-ignition block miksur u minghajr number plates.

Wara l-investigazzjonijiet tal-pulizija irrizulta illi dan il-mutur kien qed jsir uzu minnu mill-imputat.

Illi ghaldaqstant l-imputat gie interrogat mill-pulizija u irrilaxxa stqarrija dok SG.

Minn din l-istqarrija l-imputat stqarr illi huwa kien ghadu kemm xtara dan il-mutur Typhoon minghand certu Joseph min Hal Qormi li hu sar jaf lil dan Joseph gewwa Paceville. Dan Joseph kien baqa mieghu illi ser jgiblu in-number plates u kien hallas Lm200 ghalih.

Fl-istqarrija tieghu iddikajra illi ma kellu ebda suspett illi kien misruq il-ghaliex il-prezz ghalkemm tajjeb ma kienx prezz baxx hafna ghax fil-fatt illum il-gurnata b'Lm200 tixtri karozza second hand.

L-imputat xehed illi kien gie persuna fuqu il-gurnata ta' qabel u beda jistqasih xi mistoqsijiet dwar il-mutur u beda jghid illi dak il-mutur kien tieghu u fil-fatt hadu.

L-imputat stqarr illi hu kien halla il-mutur quddiem id-dar tieghu u li cetament ma kienx jaf illi sidu joqghod naqra iktar il-fuq minnu. L-imputat imbaghad ta deskrizzjoni dettaljata ta' dan Joseph min Hal Qormi lill-pulizija.

PS1102 Everest ikkonferma ir-rapporti li sarulu min Alan Camilleri u esebixxa l-okkorrenza dok E.

Alan Camilleri a fol 17 et seq xehed dwar is-serqa tal-mutur tieghu nru JAF 701 fis-7 ta' Gunju 1999 u qal illi dan kien insteraq min wara il-bieb tar-residenza tieghu gewwa Tas-Sliema. Illi wara xi xahar waqt illi kien id-dar sema mutur bil-hoss tal-mutur tieghu ezatt u hareg jiccekkja, ra lil Robert Incorvaja mal-mutur.

Xehed illi Robert Incorvaja joqghod kantuniera il-boghod minnu. Camilleri kompla jghid illi huwa gharaf lil mutur tieghu ghaliex ra il-lock book u ra l-engine number.

Illi apparti min hekk barax il-kulur iswed li kellu il-mutur u sab illi tahtu hareg il-kulur originali tal-mutur u cioe ahdar.

Oscar Camilleri, missier Alan, ikkonferma ix-xhieda ta' ibnu. Ikkonferma l-istat tal-mutur meta sabuh u cioe il-mutur iswed, minghajr number plates u bil-lock imkisser. Ikkonferma il-konversazzjoni li kellu ibnu mal-imputat.

Michael Said, mill-Licenzji, ikkonferma illi l-mutur kien jghajjat lil Alan Camilleri min Tas-Sliema u li l-mutur kellu kulur ahdar.

L-imputat Incorvaja xehed dwar kif xtara il-mutur u dwar il-prezz ta' Lm200.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kemm il-darba il-prezz qanqallux xi suspett dwar il-provenjenza lecita tal-mutur, ix-xhud irrisponda:

“Jiena il-karozza tieghi xtrajtha daqs il-mutur, Fiat Regata”

Xehed wkoll illi il-mutur, hu kien xtrah meta gja kien mizbugh iswed

Mistoqsi ghal rigward it-transfer, l-imputat xehed illi dan Joseph kien ippromettielu li ser jaghmlu dan it-transfer f’qasir zmien.

Ikkunsidrat:-

Illi l-prosekuzzjoni fil-fehma tal-Qorti ma irnexxiliex tipprova li l-imputat kellu xjenza illi si tratta ta’ oggett misruq. Illi tant hu hekk illi l-imputat jghix biss kantuniera il-boghod min sid originali tal-mutur, kien halla l-istess mutur ipparkjat quddiem id-dar tieghu.

Illi in oltre il-prezz ta’ Lm200 mhuwiex prezz illi huwa “suspiciously low”.

Fi kliem l-istess imputat ghal dak il-prezz huwa kien akkwista legalment Fiat Regata ta’ 10 snin.

Illi in oltre l-imputat huwa persuna partikolarment ingenwu, illi fil-fatt ghadu sal-gurnata tal-lum skantat b’dak li gralu.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.